MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 377/2002/1

**Meli Car Rentals Limited**
**vs**

**Paul Hili**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fil-15 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mija u wiehed u disghin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1491.22), rapprezentanti prezz ta' kiri ta' vettura minghand is-socjeta` attrici;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju u tal-Mandat ta' Sekwestru u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fil-15 ta' Ottubru, 2002, fejn intqal:**
**i. Illi huwa jammetti t-talba limitatament ghas-sorte;**

**ii. Illi huwa jikkontesta t-talba ghall-imghax u dana stante li l-imghax se mai ghandu jibda jiddekorri mid-data tad-decizjoni u mhux qabel;**
iii. **Illi huwa jikkontesta l-ispejjez tas-socjeta` attrici dwar in-notifika ta' din il-kawza u tal-Mandati ta' Qbid u Sekwestru stante li dawn saru inutilment u f'indirizz zbaljat meta s-socjeta` attrici kienet taf bl-indirizz veru tal-konvenut (Dok.B).**

**Semgha x-xhieda ta' Nazzareno Meli, Bella Hili, Emerenziana Agius, Reno Meli. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi dwar il-mertu dan hu ammess.**
**2. Dwar l-imghax, ma hemmx talba dwar jekk l-imghax kellux jibda jidekorri minn certu data, u ghalhekk fic-cirkostanzi t-Tribunal qed jakkorda li dan ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' din id-decizjoni.**
**3. Dwar in-notifika tal-konvenut, ghandu jinghad li din saret permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana wara li kien hemm tlett riferti fis-sens li l-avviz kien "unclaimed" jew "ma fetah hadd". Dawn it-tentattivi ta' notifika saru lkoll fil-fond 45 Dolphin Court, Flat 2, Marina Street, Pieta`. Sussegwentement saret in-notifika permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u il-Gazzetta Lokali.**
**4. Il-konvenut qed jghid li huwa jirrisjedi fil-fond 60, Flat, Marina Street, Pieta`, u li s-socjeta` attrici kienet taf b'dan, in sostenn ta' dak li qed tghid esebiet il-karta ta' l-identita` ta' l-istess, Dok.A, kif ukoll envelope mibghut mis-socjeta` attrici lill-konvenut, kopja ta' liema giet esebita bhala Dok.B. F'dan ta' l-ahhar l-indirizz li fih intbaghat kien 60 Flat 2, Marina Street, Pieta. Gie esebiet ukoll rapport maghmul fil-21 ta' Settembru, 2001, fl-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, li fih hemm indikat ukoll dan l-indirizz ta' l-ahhar. Rilevanti li ir-rapport kien jirrigwarda serq ta' karrozza ta' Meli Car Rentals, u konsegwentement l-istess socjeta` attrici kienet taf b'dan l-indirizz.**

**5. It-Tribunal innota li skond id-dokumentazzjoni mill-Malta Financial Services Corporation, l-indirizz tal-konvenut huwa dak li fih giet intentata in-notifika ta' dan l-avviz, u dana l-indirizz qieghed hekk imnizzel fir-rigward tal-kumpanija Ocean Finance Consultants Limited, u ta' Destination Management Network Limited skond dettalji li taghat Bella Hili, oht il-konvenut, lill-MFSC.**

**6. Skond ma xehdet Bella Hili, l-indirizz indikat fl-avviz hija r-residenza ta' ommha. Hi tikkonferma li l-konvenut joqghod fl-indirizz 60 Flat 2, Marina Street, Pieta` u ilu joqghod hemm xi disa' snin.**

**7. Il-konvenut ukoll jikkonferma dan, u izid jghid li statements minn Meli Car Rentals kien jircevihom fl-indirizz 60 Flat 2, Marina Street, Pieta`.**

**8. Emerenziana Agius, li tahdem fl-ufficcju elettorali kkonfermat li il-konvenut minn Ottubru 1995 kien jidher registrat fuq Flat 2, 60 Triq ix-Xatt, Pieta`, u ghadu hekk registrat.**

**9. It-Tribunal hu konvint li mill-provi prodotti s-socjeta` attrici kienet taf ben tajjeb il-vera indirizz tal-konvenut ossija dak ta' Flat 2, 60 Triq ix-Xatt, Pieta`. Huwa inkwetanti hafna il-fatt illi wiehed juza indirizz differenti meta jaf ben tajjeb li dak mhux l-indirizz tar-residenza tieghu. Bis-sistema tan-notifiki kif inhi llum dan jista' jaghti lok ghall-abbuz u ingustizzji. It-Tribunal jinnota li jekk il-kaz ikun genwin, ma jkunx hemm mod iehor ghajr li wiehed jinnotifika fil-Gazzetta tal-Gvern, fil-gazzetta Lokali, u fejn applikabbli li ssir l-affissjoni. Pero` it-Tribunal hu konvint illi f'dan il-kaz is-socjeta` attrici kienet taf ben tajjeb l-indirizz veru tal-konvenut, u ghogobha tindirizzah f'post differenti.**

**Ghaldaqstant It-Tribunal fuq ammissjoni qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u erba mija u wiehed u disghin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1491.22) bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum.**

**In vista tar-rezultanzi dwar in-notifika it-Tribunal jordna li l-ispejjez ta' dina l-istanza jigu sopportati interament mis-socjeta` attrici.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------